# L-Iben il-Ħali jew il-Missier il-Ħali?

## *Studju fuq il-Parabbola ta' "L-Iben il-Ħali"* (Lq 15:11-32)

Fr Martin Micallef OFM Cap

*"Għaliex ried juri 'l Alla fost il-bnedmin l-aktar bħala Missier, Imħabba u Ħniena, Ġesù għażel il-ħniena bħala wieħed mit-temi ewlenin tat-tħabbir tiegħu. Kif kienet id-drawwa tiegħu, l-ewwel għallem permezz tal-parabboli... biżżejjed insemmu l-parabbola ta' l-iben il-ħali... l-Evanġelista li l-aktar jitkellem fuq dan huwa San Luqa, hekk li l-Evanġelju tiegħu sħaqqlu jissejjaħ 'l-Evanġelju tal-ħniena'."*[1]

Din il-kwotazzjoni meħuda minn waħda mill-ewwel enċiklići tal-Papa Ġwanni Pawlu II, iddaħħalna għal dik li ġiet imsejħa bħala *"il-qalba tat-tielet Evanġelju,"*[2] jiġifieri l-Kapitlu 15 ta' l-Evanġelju ta' San Luqa.

L-iskop ta' dan l-artiklu hu li nikkonċentraw fuq dan il-Kapitlu 15, b'referenza għall-versi 11 sa 32. L-artiklu ser ikun maqsum fi tliet partijiet. L-ewwel parti teżamina l-oriġini tal-Kapitlu 15 ta' San Luqa. It-tieni parti tistaqsi għal min u għal xiex inkiteb il-materjal li nsibu f'dan il-Kapitlu. It-tielet parti ssegwi fil-qrib il-personaġġi ewlenin li jissemmew fil-vv.11-32.

### L-oriġini ta' Lq 15

Il-Kapitlu 15 ta' l-Evanġelju ta' San Luqa hu ffurmat minn serje ta' tliet parabboli:

- il-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa vv.1-7;
- il-parabbola tad-drakma l-mitlufa vv.8-10;
- il-parabbola ta' l-Iben il-Ħali vv.11-32.

Is-sekwenza ta' dan it-tliet parabboli ġiet imqabbla ma' Ġer 31:1-20[3] fejn il-profeta jitkellem fuq Alla bħala ragħaj li jiġbor lil Israel il-merħla tiegħu; fuq Rakel li tibki 'l uliedha; u fuq Efrajm, l-iben għażiż

li sab ħniena. Iżda kif jikkummenta J.A. Fizmyer, dal-paralleliżmu hu xi ftit imġebbed *("farfetched").*[4]

L-ewwel parabbola, dik tan-nagħġa l-mitlufa, insibuha wkoll - b'verżjoni xi ftit differenti - f'Mt 18:12-13, b'applikazzjoni f'v.14.[5] Għal dawk li jaċċettaw it-teorija ta' "Q" – jiġifieri, materjal li nsibuh biss f'Mattew u f'Luqa[6] – jissuġġerixxu li dil-parabbola kienet parti minn "Q".[7]

It-tieni parabbola, dik tad-drakma l-mitlufa,[8] insibuha biss fl-Evanġelju ta' San Luqa, b'applikazzjoni magħha fil-v.10. J. Lambrecht[9] hu tal-fehma li din il-parabbola, oriġinarjament kienet ukoll parti minn "Q". Hu jkompli jgħid li Mattew mhux biss elimina din il-parabbola iżda rranġa wkoll il-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa b'mod esaġerat biex seta' jinkludiha fil-Kapitlu 18, fid-diskors li jitkellem dwar il-Knisja. Iżda dan ma jidhirx li hu l-każ għaliex Mattew għandu t-tendenza li jippreserva u mhux jelimina parabboli li jiffurmaw par, bħal ngħidu aħna l-parabbola taż-żerriegħa tal-mustarda u dik tal-ħmira;[10] il-parabbola tat-teżor moħbi u dik tal-ġawhra.[11] Għalhekk, il-parabbola tad-drakma l-mitlufa aktar li kienet tagħmel parti minn materjal li bl-istudji Bibliċi jissejjaħ "L", jiġifieri materjal li nsibuh biss f'San Luqa.[12]

It-tielet parabbola, meqjusa bħala *"l-aqwa fost il-parabboli kollha ta' Ġesù"*[13] tradizzjonalment hi magħrufa bħala *"Il-Parabbola ta' l-Iben il-Ħali"*, titlu li jirrifletti t-traduzzjoni tal-Vulgata: *"De filio prodigo."* T.W. Manson sejħilha *"il-Parabbola taż-żewġ ulied"*;[14] H.J.M. Nouwen sejħilha *"Il-Parabbola ta' l-Ulied Mitlufa"*;[15] R.C. Trench sejħilha *"Evangelium in Evangelio"*.[16] Iżda forsi l-aħjar isem li joqgħodilha hu dak li jagħtiha J.Jeremias: *"Il-Parabbola ta' l-Imħabba tal-Missier"*[17] għaliex kif ser naraw, il-Missier huwa l-figura ewlenija ta' din l-istorja.

Dil-parabbola hija narrattiva, iżda kuntrarju għat-tnejn ta' qabilha m'għandhiex applikazzjoni. Il-parabbola, li nistgħu naqsmuha f'żewġ partijiet: mill-vv.11-24 u mill-vv.25-32, insibuha biss fl-Evanġelju ta' San Luqa, għalkemm San Mattew għandu parabbola li titkellem minn missier li kellu żewġ ulied.[18] Dawk li studjaw din il-parabbola ma jaqblux bejniethom meta jiġu biex jagħtu l-ġudizzju tagħhom dwar l-oriġini ta' dil-parabbola. Il-biċċa l-kbira tagħhom jikkonkludu li San Luqa sab din il-parabbola fis-*source* speċjali tiegħu "L"[19] u dil-

parabbola tmur lura għal fomm Ġesù stess, għalkemm San Luqa irranġa u żied xi kelmiet/frażijiet ta' dil-parabbola. Biex isaħħu l-pożizzjoni tagħhom, dawn il-Biblisti jippreżentaw diversi frażijiet minn dil-parabbola li jirriflettu Semitiżmu, kif ukoll kliem ieħor li San Luqa ma jużax fil-bqija tal-kitba tiegħu. Dawn jistgħu jkunu indikazzjonijiet li l-parabbola ġiet miktuba qabel ma San Luqa kiteb l-Evanġelju tiegħu.

Min-naħa l-oħra, M.D. Goulder, fil-kummentarju rivoluzzjonarju tiegħu dwar San Luqa, imur kontra din l-opinjoni li jsejħilha *"standard conclusion"*[20] u jikkonkludi li m'hemm l-ebda dubju li l-parabbola hija l-kreazzjoni ta' Luqa nnifsu. Goulder jippreżenta diversi argumenti li jidhru konvinċenti biex jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu.[21] Hu jgħid li l-immaġinazzjoni ta' Luqa ħaditu lura għat-Testment il-Qadim u din wasslitu biex ilaħħamha anki jekk forsi mhux dejjem kien konxju li kien qed jagħmel dan. Hekk, per eżempju, jagħmel San Luqa fil-parabbola ta' l-imħallef u l-armla[22] li skond Goulder, hi mibnija fuq Sir 35.

M. Goulder jitkellem ukoll mit-tema ta' *l-indiema* u juri kif din ukoll hija indikazzjoni oħra li dil-parabbola hija l-kreazzjoni ta' l-Evanġelista għaliex l-indiema hija *"a favourite Lucan 'doctrine'"* – biex nuża espressjoni li juża hu – u t-tema ta' parabbola oħra li nsibuha f'Luqa biss, il-parabbola tal-Pubblikan u l-Fariżew.[23] L-indiema hi wkoll il-bażi tal-predikazzjoni tal-Knisja primittiva.[24]

Forsi l-akbar argument kontra M.D. Goulder u dawk kollha li jżommu li l-parabbola ta' l-Iben il-Ħali hija kreazzjoni ta' l-Evanġelista, huwa l-fatt li t-tliet parabboli ta' Kapitlu 15 ta' San Luqa, huma marbutin flimkien b'mod lingwistiku u tematiku. Jidher li dawn it-tliet parabboli ġew minn kuntesti differenti u dawn ġew preżentati *"into an artistically constructed unit with a single theme"*.[25] San Luqa jidher li wiret dawn it-tliet parabboli u ppreżentahom fl-istess sekwenza kif sabhom.

J.T. Sanders[26] m'huwiex daqshekk radikali fil-pożizzjoni tiegħu. Hu jgħid li hija biss it-tieni parti tal-parabbola, vv.25-32, li hija kompożizzjoni ta' Luqa nnifsu. Din il-parti kienet żdiedet maż-żmien. Iżda ma jidhirx li dan hu l-każ. Lingwistikament u fattwalment, it-tieni parti tidħol tajjeb fil-*pattern* ta' l-istorja, li tagħmel paragun bejn iż-żewġ ulied u r-relazzjoni tagħhom mal-missier. L-istess *pattern* ta'

paraguni nerġgħu nsibuh fil-parabbola ta' dawk iż-żewġ irġiel li kienu midjunin;[27] il-parabbola tal-Pubblikan u l-Fariżew;[28] il-parabbola tar-raġel għaqli u r-raġel iblah;[29] u fiż-żewġ parabboli li nsibuhom f'Mattew, dik taż-żewġ ulied;[30] u dik tax-xebbiet għaqlin u x-xebbiet boloh.[31]

It-tliet parabboli li nsibu f'Luqa 15 jaqblu mar-ritratt ta' Ġesù kif insibuh fl-Evanġelju ta' San Luqa.[32] Il-parabbola ta' l-iben il-ħali tamplifika l-punt ewlieni taż-żewġ parabboli ta' qabilha, jiġifieri l-ferħ tal-missier li qed jilqa' għandu lil dak li *"kien mejjet u reġa' qam"*, dak li *"kien mitluf u nstab."* Dal-punt idaħħalna għat-tieni parti ta' dan l-artiklu: għal min hija indirizzata dil-parabbola?

**Il-kuntest tal-parabbola**

Il-kuntest ta' dawn it-tliet parabboli kif insibuhom f'San Luqa, hu biex tiġi ġġustifikata l-imġiba u l-attitudni ta' Ġesù mal-pubblikani u l-midinbin, u biex juri li dan hu l-mod ta' kif Alla kien qed jaħdem. Fl-istess ħin, dawn il-parabboli juru li l-attitudni tal-Fariżej u l-kittieba kien żbaljat. L-introduzzjoni ta' Lq 15 tagħmel dal-punt ċar. *"Il-pubblikani u l-midinbin kienu jersqu bi ħġarhom biex jisimgħuh u kemm il-Fariżej u kemm il-kittieba kienu jgemgmu u jgħidu: 'Nies midinba jilqa' għandu dan u jiekol magħhom!'"*[33] Dawn l-ewwel versi tal-Kapitlu 15 jidwu l-kliem li nsibu f'Lq 5:30 – *"Il-Fariżej u l-kittieba sħabhom bdew igemgmu mad-dixxipli tiegħu, u qalulhom: 'Dan l-għala tieklu u tixorbu mal-pubblikani u l-midinbin?'"* – u l-kliem li naqraw f'Lq 7:34 - *"Ġie Bin il-bniedem, jiekol u jixrob, u tgħidu: 'Araw, xi bniedem wikkiel u sakranazz, ħabib tal-pubblikani u l-midinbin!'"*

Tajjeb li hawnhekk nispjegaw min huma dawn *il-midinbin*. J. Jeremias[34] - jagħtina katalogu ta' nies li kienu meqjusin bħala midinbin, fosthom isemmi lir-ragħajja u lil dawk li kienu jsuqu l-ħmir. Dawn kienu jiġu mċaħħdin minn drittijiet ċivili, bħal ngħidu aħna mid-dritt li tokkupa xi uffiċċju jew li tagħti xhieda fi proċessi legali, minħabba li kienu kontinwament involuti f'diżonestà jew immoralità. Il-pubblikani, li kienu jiġbru t-taxxi għar-Rumani, kienu persuni b'fama ta' *"ħalliela, inġusti, żienja."*[35] Ir-reputazzjoni ħażina li kellhom kienet frott id-

diżonestà tagħhom kif jidher mill-parir li Ġwanni l-Battista jagħtihom: *"Tissikkaw lil ħadd biex jagħtikom taxxi iżjed milli jmisskom tieħdu."*[36]

F'kelma waħda, il-pubblikani u l-midinbin fi żmien Ġesù, kienu jirrappreżentaw *l-imwarrbin* jew l-emarġinati *(the outcast)* tas-soċjetà. Fil-fatt il-Kapitlu 15 ta' l-Evanġelju ta' San Luqa, ġie msejjaħ minn T.W. Manson bħala *"the Gospel of the outcast"*[37] għaliex dan jurina ċar li kienu proprju dawn in-nies li kienu qed iwieġbu b'mod pożittiv għall-predikazzjoni ta' Ġesù. Dawn mhux biss kienu *"jieklu"* ma' Ġesù, imma wkoll *"kienu jersqu bi ħġarhom biex jisimgħuh."*[38] L-użu ta' l-imperfett *"kienu jersqu"* juri li din ma kinetx azzjoni ta' darba, imma azzjoni kontinwa.

B'dan f'moħħna, issa nistgħu nifhmu li meta l-Fariżej u l-kittieba kienu qed jistaqsu lil Ġesù għala hu kien qed ikun fil-kumpanija tal-pubblikani u l-midinbin, huma kienu qed jesprimu d-diżapprovazzjoni tagħhom. Li tkun preżenti mal-pubblikani u l-midinbin b'mod speċjali għall-pranzijiet, kienet ta' offiża kbira għall-Fariżej u l-kittieba li kienu attenti ħafna għar-riti ta' purifikazzjoni kif jitolbu t-tradizzjonijiet tagħhom.[39] Kien għalhekk li *"Ġesù qabad u qalilhom din il-parabbola."*[40] In-nagħġa l-mitlufa, id-drakma l-mitlufa u l-iben il-ħali jippersonifikaw il-pubblikani u l-midinbin li kienu *"mitlufin"* u issa *"nstabu."* Ir-reazzjoni tar-ragħaj, tal-mara, u tal-missier għas-sejba ta' dak li kien mitluf, hija waħda ta' festa u ta' ferħ. Din hija wkoll l-istedina li Ġesù jagħmel lill-Fariżej u l-kittieba għall-fatt li l-pubblikani u l-midinbin kienu qed jersqu bi ħġarhom biex jisimgħuh. Dan kollu jdaħħalna għat-tielet parti ta' dan l-artiklu.

## Il-personaġġi tal-parabbola

Il-parabbola ta' l-iben il-ħali ddur fuq tliet personaġġi: il-missier, l-iben il-kbir u l-iben iż-żgħir. It-tlieta li huma għandhom rwol importanti x'jilagħbu f'din l-istorja, iżda ċ-ċentru ta' l-istorja hu l-missier: *"kien hemm RAĠEL li kellu żewġ ulied."*[41]

Għalkemm f'ħafna mill-kummentarji Patristiċi, din il-parabbola ġiet interpretata b'mod allegoriku,[42] kummentarji kontemporanji ħadu linji oħra. J. Jeremias,[43] fil-ktieb monumentali tiegħu dwar il-parabboli ta'

Ġesù jgħid li l-parabbola m'hijiex allegorija, iżda storja meħuda mill-ħajja ta' kuljum. Tant hu hekk, li l-iben iż-żgħir darbtejn jagħmel distinzjoni bejn *Alla* u *missieru: "Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek.:"*[44] J. Jeremias, iżda, ma jeskludix il-fatt li ċerti espressjonijiet li jintużaw f'din l-istorja huma intenzjonati biex juru li l-missier tal-parabbola huwa xbieda t'Alla, li hu *"għani fil-ħniena."*[45] Fil-fatt għalkemm il-kelma *"ħniena"* ma tissemmiex f'din il-parabbola, b'danakollu, *"il-parabbola turi l-qofol tal-ħniena ta' Alla b'mod tassew ċar."*[46] Għalhekk ma nkunux żbaljati jekk ngħidu li *"f'din l-istorja hekk sempliċi... il-missier hu xbieha ta' Alla bħala Missier."*[47]

Qabel ma nibdew nitkellmu fuq il-missier ta' din l-istorja, tajjeb li nitkellmu l-ewwel mill-iben iż-żgħir. M. Goulder jidentifika disa' karatteristiċi fil-karattru ta' dan l-iben.[48] Il-parabbola tiftaħ billi tippreżentalna t-talba li dan l-iben iż-żgħir jagħmel lil missieru: *"Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid."*[49] Skond id-drawwiet tal-Lhud fil-Palestina ta' żmien Ġesù, missier ta' familja seta' jiddisponi mill-proprjetà tiegħu permezz ta' testment li kellu jiġi realizzat wara mewtu.[50] Il-Missier seta' wkoll jagħti l-proprjetà tiegħu lil uliedu meta dan ikun għadu ħaj.[51] Il-ktieb ta' Bin Sirak iwissi kontra din id-drawwa.[52] Ħafna drabi kienet tkun il-biża' li jinqala' xi nkwiet wara mewtu, li kienet twassal il-missier biex jaqsam il-proprjetà tiegħu lil uliedu meta jkun għadu ħaj.[53] L-iben il-kbir kellu jirċievi sehem doppju. Fil-każ tal-parabbola ta' l-Iben il-Ħali, l-iben il-kbir kellu jieħu żewġ terzi tal-proprjetà u l-iben iż-żgħir kellu jieħu terz tal-proprjetà.

Jidher li ma kinetx xi ħaġa normali li xi ħadd mill-ulied jitlob lil missieru s-sehem li jmiss lilu, meta missieru jkun għadu ħaj bħalma naqraw f'din il-parabbola. K.E. Bailey[54] f'wieħed mill-aqwa studji li għandna fuq din il-parabbola, jgħidilna li aġir bħal dan kien daqs li kieku t-tifel jixtieq lil missieru mejjet. Għalkemm ħafna drabi ħarisna biss fuq il-persuna ta' l-iben iż-żgħir, R.L. Rohbraugh[55] jikkummenta tajjeb ħafna meta jgħid li ħarsa aħjar lejn l-ewwel żewġ versi ta' din il-parabbola turina li l-iben il-kbir ma kienx aħjar minnu, għaliex anki hu ħa s-sehem li kien imissu. Il-fatt li l-iben il-kbir ma kienx aħjar minnu, għaliex anki hu ħa s-sehem li kien imissu. Il-fatt li l-iben il-kbir baqa'

sieket meta l-missier qassmilhom il-ġid, juri li hu wkoll hu *"shameless and disloyal.'*[56]

Ir-relazzjoni ta' l-iben iż-żgħir mal-missier tkompli tiggrava meta dan l-iben *"ġabar kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed u hemmhekk berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra.'*[57] L-espressjoni *"ġabar kollox"* (bil-Grieg *sunago),* probabbilment tfisser li dan l-iben sarraf is-sehem tal-proprjetà li messu fi flus.[58] Din il-mossa kienet waħda traġika għall-familja u għar-raħal kollu. Id-drittijiet fuq l-art ma kinux xi ħaġa esklussivament individwali. Għalhekk l-art ma setgħetx tinbiegħ b'mod perpetwu. L-art kienet meqjusa bħal xi ħaġa li tappartjeni għall-ġenerazzjoni tal-passat u tal-futur ta' familja u mhux sempliċement xi ħaġa li tappartjeni għal dawk li preżentement ikunu qed jużawha. B'hekk dak li jkun qed juża l-art ma kinex liberu biex jiddisponi mill-proprjetà skond kif jgħidlu moħħu.[59] Fil-fatt mhux l-ewwel darba li f'każ ta' xi kriżi finanzjarja, xi bidwi kien lest li jixtri l-art ta' xi ħadd li jiġi minnu, sabiex l-art ma taqax f'idejn oħra.[60] Għal dan il-għan mhux l-ewwel darba wkoll li kienu jsiru żwiġijiet bejn persuni ta' l-istess familja.[61]

F'dan id-dawl, nistgħu nifhmu aħjar li d-deċiżjoni ta' l-iben iż-żgħir li jbigħ il-proprjetà li wiret u jitlaq minn pajjiżu, kienet waħda li R.L. Rohbaugh jiddeskriviha bħala *"loss of honour, broken survival networks, and disintegration of the family unit.'*[62]

L-istorja tagħmel pass ieħor 'il quddiem meta naqraw li wara li dan l-iben ħela kull ma kellu *"fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir"* (v.14)[63] sakemm *"mar daħal ma' wieħed minn dak il-pajjiż, li bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-ħnieżer."* (v.15). Din is-sentenza tkompli turina kif dan l-iben sejjer mill-ħażin għall-agħar. Fil-mentalità Lhudija, li tirgħa l-qżieqeż kienet waħda mill-aktar affarijiet moqżieża li xi ħadd seta' jagħmel, minħabba li l-ħanżir hu meqjus bħala xi ħaġa "imniġġsa."[64] għax għandu difrejh maqsumin. Minħabba f'hekk ma jinxtarax u ma jittikilx mil-Lhud. J.A. Fitzmyer, fil-kummentarju kolossali tiegħu fuq San Luqa, jikkwota proverbju rabbiniku li jgħid hekk: *"misħut ir-raġel li jrabbi l-qżieqeż u misħut ir-raġel li jgħallem lil ibnu l-għerf tal-Griegi.'*[65] L.T. Johson jikkwota proverbju ieħor, din id-darba meħud minn fomm ir-Rabbi Eljażar: *"Dak li jiekol il-ħobż tas-Samaritani hu bħal dak li jiekol il-laħam tal-qżieqeż.'*[66]

Il-fatt li dan l-iben mar jaħdem ma' wieħed barrani hija wkoll indikazzjoni oħra li dan l-iben kien qed jikkomprometti l-lealtajiet tiegħu lejn it-twemmin tiegħu. Minħabba li dar-raġel li daħħlu jaħdem miegħu kellu l-qżieqeż juri li kien raġel pagan. Minħabba f'hekk, l-iben iż-żgħir ukoll, li kien lavrant tiegħu, ma setax jibqa' josserva s-Sibt, il-jum li fih ma kellu jsir l-ebda xogħol.

Interessanti ħafna jekk inqabblu dak li tkompli tgħid l-istorja – li l-iben *"kien jixtieq kieku jimla żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-qżieqeż* (v.16) – ma' proverbju rabbiniku li jikkwota K.E. Bailey *"Israel għandu bżonn il-ħarrub biex jiġi mġiegħel jindem."*[67] Fil-fatt kienet din is-sitwazzjoni li ġagħlet lil dan l-iben biex *jidħol fih innifsu* (v.17) u jgħid: *"Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ! Ħa nqum u mmur għand missieri u ngħidlu: 'Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek, ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek."* (vv. 17-19). B'din l-azzjoni tibda fażi oħra fl-istorja.[68]

Minkejja li tradizzjonalment, dawn il-versi ġew interpretati bħala l-waqt ta' *l-indiema* ta' dan l-iben, esiġeti kontemporanji qed jissuġġerixxu xi ħaġa totalment differenti. B.B. Scott jargumenta li dak li immotiva lill-iben prodigu biex imur lura għand missieru, kien *il-ġuħ fl-istonku tiegħu* u mhux l-indiema vera għal dak li għamel.[69] Għalkemm jista' jkun hemm xi verità f'din l-opinjoni, ma jidhirx li dan hu l-punt ċentrali li xtaq jippreżenta San Luqa. L-*issue* kollha ddur fuq il-frażi *"daħal fih innifsu."* Saru diversi tentattivi biex jinstabu espressjonijiet simili jew paralleli fil-kitbiet tar-Rabbini. Dak li jidher li resaq qrib il-likk huwa Dan O. Via li ssuġġerixxa li l-iben iż-żgħir kien qed jiftakar il-passat tiegħu, u għalhekk kien qed jiftakar *hu min hu:*[70] il-fatt li hu kien IBEN MISSIERU. Dan jidher mid-diskors li dan l-iben ħejja qabel mar f'dar missieru, u li jirrepetih meta jasal hemm. F'dan id-diskors, l-iben jindirizza lil missieru bħala "Missier" anki jekk fil-v.19 jitlob lil missieru biex jistmah bħala wieħed mil-lavranti tiegħu.

Il-pjanijiet imfassla mill-iben iż-żgħir f'vv.18-19 issa jitwettqu fil-vv.20-21. Il-verb *"immur"* f'v.19 issa jsir *"telaq"* biex b'hekk il-perspettiva ddur minn fuq l-iben għal fuq il-missier: il-protagonista ewlieni ta' din il-parabbola.

San Luqa mbagħad jgħidilna hekk: *"iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu."* (v.20). L-espressjoni *"tħassru"* (bil-Grieg *splangnizomai* - litteralment *tqanqal bil-ħniena),* San Luqa diġà użaha darbtejn fl-Evanġelju, fir-rakkont tal-funeral ta' bin l-armla ta' Najn,[71] u fil-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb.[72]

Dak li rridu ninnutaw fil-v.20 hu li l-inizjattiva ġejja kollha mill-missier. Il-missier hu s-suġġett tal-verbi f'v.20b: *"lemħu... tħassru... b'ġirja waħda mar... inxteħet fuq għonqu... biesu."* L.T. Johnson[73] jassoċja din ix-xena ma' dik li nsibu f'Ġen 45:14-15 fejn naqraw dwar kif Ġużeppi għannaq u bies lil ħuh Benjamin; u fix-xena l-oħra tal-Ġen 46:29 fejn Ġużeppi jsellem lil missieru Ġakobb u *"inxteħet fuq għonqu u baqa' għal ħafna ħin mgħannaq miegħu u jibki."* C.E. Carlston[74] jissuġġerixxi wkoll 2 Sam 14:33 u Tob 11:9; filwaqt li J. Nolland[75] jissuġġerixxi li l-lingwaġġ ta' v.20 jista' jagħti l-kas li hu bbażat fuq il-laqgħa ta' rikonċiljazzjoni bejn Ġakobb u Eżaw li nsibu f'Ġen 33:4.

Xi ħaġa interessanti li rridu ninnutaw ukoll fis-serje ta' azzjonijiet li jagħmel il-missier f'v.20 hija l-fatt li l-missier *"ġera".* K.E. Bailey jikkummenta u jgħid li fil-mentalità ta' l-abitanti tal-baċir tal-Mediterran *"l-irġiel anzjani ma jiġrux."*[76] Skond dan l-awtur, din il-ħaġa mhux biss tirrifletti xi ħaġa ta' mistħija iżda wkoll nuqqas ta' kontroll. Il-kelma bil-Grieg li tintuża hawn hija l-kelma *dramon* li t-tifsira sħiħa tagħha hija *"exert oneself to the limit of one's powers."*[77] F'kelma oħra din il-kelma timplika li l-missier meta ġera għamel sforz b'kemm felaħ.

Iżda l-aktar ħaġa importanti li rridu ninnutaw huwa l-fatt li r-ritorn ta' l-iben għand il-missier kien aktar importanti fih innifsu mill-istqarrija tad-dnub ta' dan l-iben. Dan jidher mill-fatt li San Luqa jippreżentalna lill-iben jibda din l-istqarrija, imma f'nofsha jiġi interrott mill-missier. L-iben ma jilħaqx itenni l-espressjoni li kien ħejja minn qabel: *"ilqagħni bħala wieħed mil-lavranti"* (v.19b). Ladarba l-missier kien laqa' għandu lil dan ibnu juri li l-espressjoni *"ilqagħna bħala wieħed mil-lavranti"* ma kienx hemm post għaliha. Minflok, il-missier idur fuq il-qaddejja u jordna: *"Isaw, ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh! Ġibulu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa."* (vv.22-23).

J. Jeremias[78] jispjega li meta xi sultan kien ikun irid jonora lil xi uffiċjal, kien jippreżentalu libsa li tqum il-flus. L-investitura b'din il-libsa kienet simbolu ta' era ġdida. Hu jqabbel dan il-ġest tal-missier ma' l-episodju li nsibu f'Ġen 41:42 fejn naqraw kif il-Fargħun iqiegħed lil Ġużeppi fuq l-art kollha ta' l-Eġittu u *"qala' s-siġill minn idu u qiegħdu f'id Ġużeppi u libbsu lbies ta' l-għażel fin,"*[79] filwaqt li J. Nolland,[80] iqabbel dawn il-versi ma' dak li naqraw fil-ktieb ta' Ester.[81]

L-espressjoni *"l-aħjar libsa"* fil-v.22 jista' jkollha żewġ tifsiriet: l-aħjar ħwejjeġ mill-gwardarobba tal-missier jew il-libsa li dan l-iben kellu qabel.[82] Jekk *"l-aħjar libsa"* tfisser *il-libsa li kellu qabel,* juri li l-libsa hija simbolu ta' l-identità li dan it-tifel għandu: dik ta' iben. Santu Wistin ixebbah din il-libsa li l-missier jagħti lil ibnu mad-dinjità li Alla qed irodd lura wara li din kienet intilfet permezz tad-dnub ta' Adam.[83]

L-għoti *taċ-ċurkett* jidher li qed tirreferi għal dak li bl-Ingliż isejħulu *the signet-ring.*[84] Dan il-ġest ifisser l-għoti ta' l-awtorità. L-għoti tas-sandli huwa wkoll ġest sinifikattiv. Is-sandli kien meqjus bħala lussu, u kien jintlibes biss min-nies li kienu ħielsa, filwaqt li l-iskjavi kienu jkunu ħafjin. Il-fatt li dan l-iben issa qed jiġi mlibbes is-sandli jfisser li hu m'huwiex aktar skjav imma bniedem ħieles: iben il-missier.[85] L-aħħar ordni li l-missier jagħti hija dik li jinqatel *l-għoġol imsemmen.* Dal-ġest tal-missier hu wkoll wieħed sinifikanti. F'kuntrast mal-baqar li kienu jitħallew jirgħu fuq il-ħaxix, dan l-għoġol kien jiekol il-qamħ – kif fil-fatt litteralment ifisser l-isem tiegħu fil-Grieg *sitos* (qamħ) – biex b'hekk iżid fil-piż u t-tenerezza tiegħu. Dan imbagħad kien jinqatel u jittiekel f'xi okkażjoni speċjali. Għalhekk l-ordni tal-missier biex jinqatel l-għoġol imsemmen turi l-festa kbira li dan il-missier ried jiċċelebra.[86]

It-tifsira ta' dawn il-ġesti tal-missier jagħtihielna huwa stess meta jgħid: *"għax dan ibni kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab!"* (v.24). Il-lingwaġġ *"kien mitluf u nstab"* jidwi l-episodju li nsibu fir-rakkonti ta' l-Infanzja ta' Ġesù f'dan l-Evanġelju; ir-rakkont ta' meta t-tfajjel Ġesù ntilef fit-tempju u Marija u Ġużeppi sabuh fit-tempju.[87] Għal San Luqa, il-verb *"issib"* hu ekwivalenti għall-verb *"issalva".* Dan jidher ċar f'dak li jgħid Ġesù: *"għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf."*[88]

Il-lingwaġġ *"kien mitluf u nstab"* u l-espressjoni *"u għamlu festa"* fil-v.24 tgħaqqad din il-parabbola mat-tnejn ta' qabilha. Fl-ewwel parabbola, dik tan-nagħġa l-mitlufa, kif diġà rajna, Ġesù jxebbah lil Alla ma' ragħaj li jħalli d-disgħa u disgħin nagħġa biex imur ifittex dik li kienet intilfitlu. Meta jsibha mhux biss jifraħ biha imma jsejjaħ għandu lil ħbiebu u l-ġirien biex jagħmlu festa – kif jiġri fil-parabbola ta' l-iben il-ħali. L-istess fit-tieni parabbola, Alla qed jiġi mxebbah ma' mara,[89] li wara li ssib id-drakma li kienet intilfitilha, issejjaħ lil ħbiebha u lill-ġirien biex jifirħu magħha – kif jiġri wkoll fil-parabbola ta' l-iben il-ħali. Dan l-aspett ta' *ferħ u festa* li jissemma fit-tliet parabboli ta' Kapitlu 15 ta' l-Evanġelju ta' San Luqa jispjega, mela, is-sentimenti li kien hemm f'qalb ir-ragħaj, il-mara u l-missier. Anki jekk il-parabbola ta' l-iben il-ħali ma tagħtix importanza lill-aspett ta' tfittxija għal dak li kien intilef, bħalma jagħmlu t-tnejn ta' qabilha, b'danakollu t-tielet parabbola taqbel mat-tnejn ta' qabilha fl-aspett ta' ferħ u festa għas-sejba ta' dak li kien mitluf u issa nstab. Huwa dan l-aspett ta' ferħ u festa li fil-fatt jgħaqqad din il-parabbola mat-tnejn ta' qabilha.

Tajjeb li ngħidu hawnhekk li f'dan l-istadju, il-parabbola qajmet problema teoloġika. Il-problema hija din. Jekk Alla bħala missier jilqa' u jaħfer lill-midinbin li jirritornaw għandu niedma bħalma jagħmel il-missier f'din il-parabbola, x'valur għandha l-mewt sagrifikali ta' Ġesù fuq is-salib? Biha u mingħajrha xorta?

T.W. Manson[90] jgħid li punt bħal dan jista' jtelief il-punt ewlieni ta' dil-parabbola li m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala ġabra tad-Duttrina Kristjana dwar l-Aspett Sagrifikali (atonement) tal-mewta ta' Ġesù. Xi Kummentarji Patristiċi fuq l-Evanġelju ta' San Luqa jsibu dettall interessanti ħafna f'din il-parabbola li jorbtuh ma' dan l-aspett sagrifikali. Id-dettall huwa r-referenza għall-*għoġol imsemmen.* San Ġwann Grisostmu jikkummenta fuq *l-għoġol imsemmen* u jqabblu mal-persuna ta' Ġesù Kristu. Bħal dan l-għoġol imsemmen, il-ġisem ta' Ġesù li hu bla ħtija, hu laħam li jiswa għas-salvazzjoni tad-dinja kollha. Hu jkompli jgħid li ma kienx il-missier innifsu li ssagrifika dan l-għoġol, imma tah biex jiġi ssagrifikat mill-oħrajn, kif ġara wkoll fil-każ tal-mewt ta' l-Iben ta' Alla.[91]

R.L. Rohrbaugh[92] fi studju soċjo-kulturali ta' din il-parabbola iqajjem punt interessanti ieħor li jmur 'il hemm mill-ħsieb ta' ħafna kummentarji oħra fuq San Luqa. Dan l-awtur jippenetra fil-mentalità taċ-ċiviltà tal-Mediterran ta' l-ewwel seklu wara Kristu, u juri kif l għemil ta' l-iben iż-żgħir, meta dan telaq minn dar missieru, kien wieħed li seta' kellu effetti soċjalment diżastrużi fuq il-familja tiegħu. F'din it-tip ta' soċjetà, il-familja u l-villaġġ kienu jiffurmaw dak li l antropoloġisti jsejħulu *"a closed social network"*[93] fejn kulħadd kien jgħix qrib xulxin. Jekk is-solidarjetà kienet xi ħaġa daqshekk importanti, xejn anqas kienet il-*konformità* soċjali.

L-unur tal-familja kien jiddependi fuq kemm il-familja kienet tibqa' fidila lejn il-villaġġ. Jekk familja kienet titlef dan l-unur tagħha, ħadd ma kien jiżżewweġ lil uliedha, u l-familja kienet tiġi eskluża minn dak li hu ekonomikament neċessarju u mir-relazzjonijiet soċjali l-oħra. Biżżejjed ngħidu li *"meta kienu jindunaw b'xi nuqqas, dak li jinduna kien immedjatament jgħidu lil uliedu u 'l qrabatu u, f'qasir żmien, l-istorja kienet tinxtered mal-villaġġ kollu, u kulħadd kien 'jidħak'... aktar ma jidħku aktar il-vittmi ta' dan id-daħk kienu jiġu umiljati, għaliex l-ingredjenti ewlenin ta' dan id-daħk kien in-nuqqas ta' rispett.'*[94] Għalhekk, it-tluq ta' l-iben iż-żgħir minn dar missieru kien għalhekk ifisser diżastru kbir għall-missier, bil-konsegwenzi kollha li semmejna.

F'dan id-dawl nistgħu nifhmu wkoll li meta l-missier iddeċieda li jagħmel festa u jistieden lill-ġirien, kien qed jirriskja ħafna. Il-fatt li l-missier laqa' għandu lil dan ibnu wara li kien ħammiġlu unuru, seta' jinfluwenza ħażin ukoll lill-ulied l-oħra tal-ġirien. X'kien jiġri kieku l-ġirien irrifjutaw li jmorru?[95] Kieku l-ġirien ma laqgħux l-istedina ta' dal-missier u ma marrux, is-sitwazzjoni ta' dil-familja kienet tmur aktar għall-agħar. Għalhekk, meta l-missier għamel l-ewwel pass lejn il-villaġġ, kien qed jirriskja dak li R.L. Rohbraugh sejħilha: *"a disastrous rejection.'*[96] Anki jekk dan ma seħħx, Rohbraugh irid iġibna konxji ta' l-imħabba għamja li dal-missier kellu lejn ibnu.

Minn v.25 sa v.32 ngħaddu għat-tieni parti ta' l-istorja, fejn niltaqgħu ma' l-iben il-kbir, li diġà saret referenza għalih fil-v.11: *"kien hemm raġel li kellu żewġ ulied."* M.D. Goulder jagħtina sitt

karatteristiċi fil-karattru ta' l-iben il-kbir.[97] San Luqa jgħidilna kif dan l-iben il-kbir li ritorna mill-għalqa jisma' qrib id-dar daqq u żfin (v.25). Kien għalhekk li hu sejjaħ wieħed mill-qaddejja u staqsieh x'kien ġara (v.26). Il-qaddej spjegalu x'kien ġara (v.27). Imbagħad l-Evanġelista jagħtina l-ewwel reazzjoni ta' l-iben il-kbir: *"hu inkorla"* (v.28). B'kuntrast ma' din ir-rabja espressa fil-fatt li hu ma riedx jidħol ġewwa (v.28), tispikka r-reazzjoni tal-missier li *"ħareġ jitolbu jidħol."* (v.28).

Interessanti ninnutaw hawnhekk li l-missier qed jirrepeti l-istess ġest li għamel ma' ibnu ż-żgħir: *"ħareġ barra"* biex jilqgħu u *"jitolbu"*. Il-verb *"jitolbu"* (bil-Grieg *parakaleo)* huwa wieħed b'diversi tifsiriet, bħal twissi *(to exhort);*[98] titlob *(to plead);*[99] tfarraġ *(to comfort).*[100] Fil-fatt dan kien ġest tassew straordinarju, għaliex fil-Lvant Nofsani, irġiel anzjani ma *jitolbux* lil uliedhom, imma *jordnawlhom.*[101] San Luqa, mela, hawnhekk qed jippreżentalna lill-missier kważi jinżel għarkubbtejh u jittallab lil ibnu l-kbir biex jidħol id-dar. Xi ħaġa li tkompli turi l-karattru kollu mħabba ta' dan il-missier.

Wara li jagħtina r-reazzjoni ta' dan l-iben il-kbir, l-Evanġelista jgħaddi biex jagħtina wkoll l-ewwel kliem ta' dan l-iben: "*'Ara', qal lil missieru, 'ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ ma' ħbiebi! Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa żienja, u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen!"* (vv.29-30). Hemm erba' punti ta' min jinnutahom f'dawn iż-żewġ sentenzi.

L-ewwel ħaġa, il-verb *"naqdik"* (bil-Grieg *doulcuo* – litteralment ifisser *isservi*, verb ħiereġ min-nom *doulos,* li jfisser *skjav).*[102] Bl-użu ta' dal-verb, San Luqa qed jurina li għalkemm dan l-iben il-kbir ma telaqx minn dar missieru, hu xorta waħda qatt ma rrealizza li hu "iben", għaliex meta jiġi biex jitkellem fuq ir-relazzjoni tiegħu ma' missieru hu jitkellem f'termini ta' *'skjav'* u mhux ta' *'iben'*. Dan joħroġ aktar ċar mill-forma grammatikali, *fil-preżent* ta' dan il-verb, li fil-Grieg dejjem turi *azzjoni kontinwa.* Dan l-iben kien u baqa' jħoss li hu xi ħaġa inqas mill-istess *"lavranti"* li kienu jaħdmu ma' missieru, għaliex il-lavranti li jissemmew f'v.17 u 19 (bil-Grieg *misthioi),* kienu nies li jitħallsu b'paga fl-aħħar tal-ġurnata,[103] filwaqt li *l-iskjavi* kienu proprjetà tas-sid bla ebda drittijiet.

Fid-dawl ta' dan l-argument, Ibrahim Said jara paralleliżmu bejn iż-żewġ aħwa. Hu jgħid hekk: *"id-differenza bejn l-iben il-kbir u ħuh iż-żgħir kienet li filwaqt li ħuh iż-żgħir inqata' (estranged) u kien ribelluż meta kien assenti mid-dar, ħuh il-kbir inqata' (estranged) u kien ribelluż f'qalbu waqt li baqa' d-dar."*[104] Hu mbagħad iżid jgħid: *"Is-separazzjoni (the estrangement) u r-ribelljoni ta' l-iben iż-żgħir kienet ħaġa evidenti... fit-talba tiegħu li jħalli dar missieru. Imma s-separazzjoni (the estrangement) u r-ribelljoni ta' l-iben il-kbir kienet evidenti fir-rabja tiegħu u fil-fatt li rrifjuta li jidħol fid-dar."*[105]

It-tieni ħaġa li rridu ninnutaw fil-kliem ta' l-iben il-kbir hija l-espressjoni: *"kelmtek ma ksirthielek qatt"* (v.29). Litteralment, l-espressjoni hija *"il-kmandament* (bil-Grieg *entole) ma ksirtu qatt."* Kif ser naraw fis-sezzjoni li jmiss, l-użu tal-kelma *kmandament* hawnhekk tirrifletti lil min dan l-iben qed jirrappreżenta: lill-Kittieba u l-Fariżej.

It-tielet ħaġa li rridu ninnutaw fil-protesta ta' l-iben il-kbir hi l-fatt li l-missier qatel *"l-għoġol imsemmen"* lil ibnu ż-żgħir, filwaqt li l-missier lilu qatt ma tah *"gidi"* (bil-Grieg *eriphos).* Dak li hu interessanti hawnhekk hu li l-iben il-kbir m'huwiex qed jitlob *"għoġol imsemmen"* iżda sempliċement *"gidi"* li hu annimal irħas u aktar komuni mill-għoġol imsemmen.

Ir-raba' ħaġa li rridu ninnutaw hija l-fatt li dan l-iben il-kbir ried jagħmel ikla biex jiċċelebra biss "ma' ħbiebu" u mhux "ma' missieru" wkoll: *"qatt ma tajtni gidi lili biex nagħmel ikla ma' ħbiebi."*

Dawn il-protesti ta' l-iben il-kbir nistgħu nxebbhuhom mal-protesta tal-ħaddiema fil-parabbola li nsibu f'Mt 20:11: *"Huma u jitħallsu qabdu jgemgmu kontra s-sid u jgħidu: 'Dawn ta' l-aħħar siegħa waħda għamlu, u int qisthom bħalna li tgħabbejna bil-piż tal-jum u s-sħana!'"* Huwa kliem mimli rabja u "għira" għall-fatt li *l-missier* u *s-sid* kienu twajbin ukoll ma' dawk li *"ħadmu siegħa waħda biss."*

Fil-v.30 tajjeb li ninnutaw ukoll kif l-iben il-kbir jindirizza lil ħuh: *"imbagħad jiġi dan ibnek."* Din l-espressjoni tkompli turi d-distanza li dan l-iben il-kbir ħoloq fir-relazzjoni tiegħu ma' *"ħuh"* l-ieħor. Fil-fatt, l-espressjoni *"dan ibnek"* tiġi korretta b'mod sottili fit-tweġiba li l-missier jagħti fil-v.32: *"dan ħuk."*[106] Iżda, forsi, l-agħar ħaġa fil-kliem mimli rabja ta' dan l-iben il-kbir hu l-mod ta' kif interpreta l-ħajja ta'

ħuh iż-żgħir: *"dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa żienja"* (v.30). Dan l-iben il-kbir qed jgħid xi ħaġa li l-parabbola nnifisha ma tgħidilniex. L-iben il-kbir jista' qiegħed jigdeb u jesaġera *d-dnub* ta' ħuh iż-żgħir biex b'hekk jipprova jeqred lil ħuh iż-żgħir. Dan hu dak li l-antropoloġisti jsejħulu *"deviance labelling"*, cioè, attentat biex iċċappas lil xi ħadd biex twaqqagħlu ġieħu quddiem l-oħrajn.[107] L.T. Johnson[108] jagħmel mistoqsija jekk dal-kliem ta' l-iben il-kbir jirriflettix l-akkuża li saret lil Ġesù stess, għax hu wkoll kien jagħmilha ma' dawn it-tip ta' nies.[109]

Meta nqisu dan kollu nistgħu ngħidu li din il-parabbola hija tassew *"il-parabbola ta' l-aħwa mitlufa"*,[110] għaliex il-mitluf ma kienx biss l-iben iż-żgħir, li telaq mid-dar biex ifittex il-ħelsien u l-ferħ f'pajjiż imbiegħed. L-iben l-ieħor li baqa' d-dar kien ukoll bniedem mitluf, għaliex filwaqt li kien jagħmel l-affarijiet tajba (iħares il-kmandamenti) b'mod *esterjuri* biss; *interjorament* kien tassew iben 'il bogħod minn missieru.

Wara li ħarisna lejn ir-reazzjonijiet u l-kliem ta' l-iben il-kbir, tajjeb issa li naraw kif San Luqa jikkonkludi l-parabbola permezz tal-kliem tal-missier. Il-missier jibda billi jindirizza lil ibnu l-kbir bħala *"ibni"* (bil-Grieg *teknon).* Il-forma grammatikali fil-Grieg, hawnhekk, hija dik li tissejjaħ il-*vokattiv*, li f'dan il-kuntest tesprimi affezzjoni. Il-missier, li wera tjieba kbira lejn ibnu ż-żgħir, issa wkoll hawn qed juri l-istess sentimenti ta' tjieba ma' ibnu l-kbir.

Il-missier jafferma l-post ta' ibnu l-kbir fil-familja u l-fatt li dak li hu tal-missier u ta' l-iben (il-kbir) ukoll: *"kull ma hu tiegħi hu tiegħek"* (v.31b). Flimkien ma' dan, il-missier jenfasizza wkoll ir-rabta intima li teżisti bejnu u bejn dan ibnu l-kbir: *"inti dejjem miegħi"* (v.31a). Il-missier imbagħad jagħmel użu minn kelma sinifikattiva mmens: *"imma **kien meħtieġ**"* (bil-Grieg *dei)* li fl-Evanġelji hija marbuta mal-passjoni u l-mewt ta' Bin il-bniedem. L-użu tal-kelma *dei* mela, anki f'dan il-kuntest ta' v.32 għandha karattru *soterjoloġiku.*[111] Dak li *"kien meħtieġ"* hu *"li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u reġa' qam, kien mitluf u nstab"* (v.32). Mill-ġdid dal-lingwaġġ ta' ferħ u festa jidwi l-lingwaġġ taż-żewġ parabboli li nsibu qabel din ta' l-iben il-ħali.[112] Dan il-ferħ u l-festa huma r-reazzjoni għal xi ħaġa li kienet

meqjusa bħala "mitlufa" jew "mejta" imma li issa "nstabet" jew "reġgħet għall-ħajja", cioè kisbet *salvazzjoni.*

Il-parabbola tieqaf hawn u l-awtur ma jgħidilniex kif spiċċat l-istorja. Kienu ħafna dawk li spekulaw fuq jekk l-iben il-kbir daħalx jew le għall-festa, jekk aċċettax lil ħuh, jew jekk l-iben iż-żgħir baqax id-dar, jew reġax telaq u anki reġa' ġie. Iżda, kif jikkummenta tajjeb J.A. Fitzmayer, dawn it-tip ta' ipotesijiet itellfu mill-istorja ta' San Luqa li titkellem fuq l-imħabba ta' dal-missier.[113] Dan il-ħsieb idaħħalna għall-aħħar taqsima.

Wara li ħarisna mill-qrib lejn il-protagonisti ewlenin ta' din l-istorja, issa nistgħu nifhmu aħjar dak li diġà tkellimna fuqu fit-tieni parti ta' dan l-artiklu: lil min hi indirizzata din il-parabbola. Jidher li l-iben iż-żgħir jirrappreżenta *"il-pubblikani u l-midinbin (li) kienu jersqu bi ħġarhom biex jisimgħuh"* (v.1). Bħal dan l-iben u bħan-nagħġa u d-drakma l-mitlufa, dawn ukoll issa *"reġgħu qamu"* u *"nstabu"* għaliex għal dawn in-nies Ġesù li hu l-Messija *"huwa sinjal, li malajr intebħu bih, ta' Alla li hu mħabba... Din il-verità, aktar milli hi xi suġġett ta' tagħlim, hi fiha nfisha fatt konkret mgħarraf u muri lilna minn Kristu."*[114] Alla li mhux biss huwa *"għani fil-ħniena"*[115] imma wkoll *ħali fil-ħniena tiegħu,* kien qed jgħannaq miegħu lil dawk l-ulied li kienu *daħlu fihom infushom* u resqu lejh permezz ta' ibnu Ġesù Kristu. L-unika tweġiba għal din is-sitwazzjoni kienet waħda: *festa.*

Iżda *"il-fatt li bih il-Missier deher fost il-bnedmin bħala mħabba u ħniena",*[116] jiġifieri fil-persuna ta' Ġesù Kristu li kien jilqa' għandu u jiekol ma' nies midinba (v.2), wassal għall-garr tal-Fariżej u l-Kittieba (v.2) li huma rappreżentati fl-iben il-kbir ta' din il-parabbola, u li bħalu *ma kissru qatt il-kmandamenti tiegħu* (v.29). Dan juri li jekk l-ewwel parti tal-parabbola hija *"evanġelju fil-veru sens tal-kelma" – il-mitlufa jinstabu, il-mejtin iqumu, il-midinbin jindmu*[117] – l-aħħar parti tal-parabbola hija *"kummentarju ta' niket",*[118] għall-fatt li l-Fariżej u l-Kittieba kienu qed jirrifjutaw din l-aħbar it-tajba, ukoll jekk il-parabbola taċċertana li bir-ritorn ta' dawn l-ulied f'dar il-missier, ma kien hemm xejn li seta' jhedded il-fedeltà ta' Alla lejn uliedu l-oħra li *baqgħu miegħu* (v.31).

L-istedina li Ġesù jagħmel lill-Fariżej u lill-Kittieba permezz ta' dawn it-tliet parabboli li nsibu fil-Kapitlu 15 ta' San Luqa hija biex dawn jingħaqdu fil-ferħ u l-festa għaliex dawn *ħuthom li kienu mejta reġgħu qamu, kienu mitlufa u nstabu* (v.32).

## Konklużjoni

Il-parabbola tiddeskrivi b'mod impressjonanti u fl-istess ħin b'sempliċità min hu Alla: missier ta' tjieba u ħniena kbira u li *"l-esseri stess ta' Alla hu mħabba."*[119] Il-missier hu preżentat bħala *"missier iblah" (a foolish father)*[120] li qassam ġidu meta kien għadu ħaj, li ġera biex jgħannaq miegħu lil ibnu li ma kellu ebda mistħija lejh; li ttallab lil ibnu l-kbir li umiljah quddiem l-oħrajn għall-fatt li ma riedx jidħol f'daru. Iżda din il-parabbola ma titrattax sempliċement mill-imħabba umana ta' missier ta' familja. L-intenzjonat ta' din il-parabbola huwa l-imħabba u l-ħniena ta' Alla li għandhom il-qawwa li jittrasformaw il-mewt f'ħajja.

## Referenzi


1. Ġwanni Pawlu II, *Għani fil-Ħniena*, n.3.
2. L. Ramaroson, "Le coer du troisieme evangile: Lc15", *Biblica* 60 [1979], 248-260.
3. H.B. Kosser, "Quelques Remarques sur l'order des paraboles dans Luc XV et sur la structure de Matthieu XVIII 8-14", *Novum Testamentum* 1 [1956], 75-80.
4. J.A. Fitzmyer, *The Gospel According to Luke X-XXIV*, The Anchor Bible 28A, (NY, 1985), 1072.
5. Forma oħra tal-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa nsibuha wkoll fl-Evanġelju ta' Tumas n.107. Ara J.K. Elliot, *The Apocryphal New Testament* (Oxford, 1993), 146.
6. Għal studju riċenti fuq "Q" ara: C.M. Tuckett, *Q and the History of Early Christianity*, (Edinburgh, 1996).
7. Għal opinjoni kuntrarja ara: M.D. Goulder, *Luke, A New Paradigm*, Journal for the Study of the New Testament, Supplement Series 20, (Sheffield, 1989), 603-618.
8. Drakma kienet munita tal-fidda li probabbilment kienet ekwivalenti għal denar, jiġifieri paga ta' ġurnata ta' ħaddiem. L-għaxar drakmiet aktarx li kienu sett ta' muniti mwaħħla fuq il-*head-dress*, speċi ta' kuruna fuq ir-ras, li n-nisa Għarab Palestinjani kienu jilbsu. Din kienet tkun parti mid-dota u għalhekk tirrappreżenta l-aktar ħaġa għażiża li l-mara kien ikollha.
9. J. Lambrecht, *Once More Astonished*, (New York, 1981), 37-42.

10. Mt 13: 31-33.
11. Mt 13: 44-46.
12. Ara C.M. Tuckett, *Luke*, New Testament Guides, (Sheffield, 1996), 23-24.
13. J.E. Compton, "The Prodigal's Brother", *Expository Times* 42 [1930-1933], 287.
14. T.W. Manson, *The Sayings of Jesus*, (London 1949), 284.
15. H.J.M. Nouwen, *The Return of the Prodigal Son*, (London, 1992), 69.
16. R.C. Trench, *Notes on the Parables of our Lord*, (Michigan, 1979), 141.
17. J. Jeremias, *Rediscovering the Parables*, (London, 1966, 5th impression, 1993), 101.
18. Ara Mt 21: 28-32.
19. Ara J.A. Fitzmyer, *The Gospel According to Luke X-XXIV*, The Anchor Bible 28A, (NY, 1985), 1083-1094; J.J. O'Rourkle "Some Notes on Luke XV.11-32", *New Testament Studies* 18 [1971-1972], 431-433; C.E. Carston, "A positive Criterion of Authenticity?", *Biblical Research* [1962] 33-44; C.E. Carston, "Reminiscence and Redaction in Luke 15:11-32", *Journal of Biblical Literature*, [1975], 368-390.
20. M.D. Goulder, *Luke, A New Paradigm*, Journal for the Study of the New Testament, Supplement Series 20, (Sheffield, 1989), 614.
21. Ibid., 611-612.
22. Lq 18:1-8.
23. Lq 18:9-14.
24. Lq 24:47; Atti 2:38.
25. I.H. Marshall, *The Gospel of Luke*, New International, (Exeter, 1978), 597.
26. J.T. Sanders, "Tradition and Redaction in Luke XV.11-323", *New Testament Studies* 15 [1968-69], 433-438.
27. Lq 7: 41-42.
28. Lq 18: 9-14.
29. Lq 6: 46-49.
30. Mt 21: 28-31.
31. Mt 25: 1-13.
32. Għal preżentazzjoni tajba u reċenti dwar ir-ritratt ta' Ġesù ta' Luqa ara: R. Schnackenburg, *Jesus in the Gospels, A Biblical Christology*, (Louisville, 1995), 131-210; H.D. Buckwalter, *The Character and purpose of Luke's Christology*, Society for New Testament Studies, 89, (Cambridge, 1996).
33. Lq 15: 1-2. Ara wkoll Lq 19:7.
34. J. Jeremias, *Rediscovering the Parables*, (London, 1966, 5th impression, 1966), 105.
35. Lq 18:11.
36. Lq 3:13. Ara wkoll l-episodju ta' Zakkew Lq 19: 1-10.
37. T.W. Manson, *The Sayings of Jesus*, (London, 1949), 282.
38. Lq 15:1.
39. Ara Mk 7:1-9.

40. Lq 15:3. Fil-fatt Ġesù jgħid tliet parabboli u mhux parabbola waħda kif tissuġġerixxi l-forma fis-singular.
41. Lq 15:11.
42. Ara St Thomas Aquinas, *Catena Aurea, A Commentary on the Four Gospels collected out of the works of the Fathers by St Thomas Aquinas. The Gospel of St Luke, Vol. III*, (Exeter, 1997), 529-547.
43. J. Jeremias, *Rediscovering the Parables*, (London, 1966, 5th Impression, 1993), 101.
44. Lq 15:18.21. L-espressjoni *"kontra s-sema"* hawn qed tintuża minflok l-isem ta' Alla.
45. Efes 2:4.
46. Ġwanni Pawlu II, *Għani fil-Ħniena*, n.5.
47. Ibid., n.6.
48. *Impatient, decisive, adventurous, improvident, unprincipled, independent, realistic, humble, trustful in his father's affection.* M.D. Goulder, *Luke, A New Paradigm*, Journal for the Study of the New Testament, Supplement Series, 20, (Sheffield, 1989), 612.
49. Lq 15:12. Litteralment: *"Missier, agħti lili s-sehem tas-sustanza li jaqa' fuqi."* Il-kelma *ousia (lit: sustanza)* tiġi tradotta mill-Għaqda Biblika Maltija *"ġid"* u minn Saydon *"wirt"*.
50. Ara Num 27:8-11.
51. Ara Tob 8:21.
52. Ara Sir 33: 19-23.
53. J.D.M. Derrett, "Law in the New Testament: The Parable of the Prodigal Son", *New Testament Studies* 14 [1967], 59.
54. K.E. Bailey, *Poet and Peasant and Through Peasant Eyes: A Literary-Cultural Approach to the Parables in Luke*, (Michigan: 1983), 161-169.
55. R.L. Rohbraugh, *A Dysfunctional Family and Its Neighbours (Luke 15: 11b-32)* in *Jesus and His Parables, Interpreting the Parables of Jesus Today*, ed. V.G. Shillington, (Edinburgh, 1997), 151.
56. Ibid., 151.
57. Lq 15:13. L-espressjoni *'pajjiż imbiegħed'* insibuha wkoll f'Lq 19:12, il-parabbola ta' l-għaxar minien.
58. I.H. Marshall, *The Gospel of Luke*, New International, (Exeter, 1978), 607.
59. J.F. Gardner and T. Wiedemann, *The Roman Household: A Sourcebook* (London, 1991), 117.
60. Lev 25:25.
61. B.J. Malina, *The New Testament World: Insights from Cultural Anthropology* (Louisville, KY, 1993), 129-142.
62. R.L. Rohbraugh, *A Dysfunctional Family and Its Neighbours (Luke 15: 11b-32)* in *Jesus and His Parables, Interpreting the Parables of Jesus Today*, ed. V.G. Shillington (Edinburgh, 1997), 149.
63. L-espressjoni *"ġuħ kbir"* insibuha wkoll f'Lq 4:25; Atti 11:28.

64. Lev 11:7. Ara wkoll Dewt 14:8; 1 Mak 1:47.
65. J.A. Fitzmyer, *The Gospel According to Luke X-XXIV*, The Anchor Bible 28A, (NY, 1985), 1088.
66. L.T. Johnson, *The Gospel of Luke, Sacra Pagina*, (Collegeville, 1991), 237.
67. K.E. Bailey, *Poet and Peasant and Through Peasant Eyes: A Literary-Cultural Approach to the Parables in Luke*, (Michigan, 1983), 171.
68. Id-deċiżjoni ta' l-iben iż-żgħir *"ħa nqum u mmur għand missieri" (v.18)* tidwi espressjonijiet simili li naqraw f'parabboli oħra bħal dik tar-raġel iblah: *"Ara x'nagħmel", qal, "inħott l-imħażen li għandi u nibni oħrajn akbar"* (Lq 12:18); il-parabbola ta' l-amministratur li moħħu kien jilħaqlu: *"Naf x'nagħmel, ħalli meta nitwarrab minn fuq din l-amministrazzjoni nsib lil ħaddieħor li jilqagħni għandu"* (Lq 16:4); il-parabbola ta' l-imħallef u l-armla: *"Ħa nagħmlilha ħaqq."* (Lq 18:5).
69. B.B. Scott, *Hear Then the Parable: A Commentary on the Parables of Jesus*, (Minneapolis, 1989), 116. Ftit qabel G. Bornkamm ħa l-istess pożizzjoni: *Jesus of Nazareth*, trans. I. and F.McLuskey and J. Robinson, (New York, 1960), 126.
70. Dan O. Via, *The Parables: Their Literary and Existential Dimension* (Philadelphia, 1967), 168.
71. *"Kif raha l-Mulej tħassarha"* Lq 7:13.
72. *"Kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan wasal ħdejh, rah u tħassru"* Lq 10:33.
73. L.T. Johnson, *The Gospel of Luke, Sacra Pagina*, (Collegeville, 1991), 237.
74. C.E. Carlston, "Reminiscence and Redaction in Luke 15: 11-32" *Journal of Biblical Literature* 94 (1975), 371-372.
75. J. Nolland, *Luke 9:21-18:34, Word Biblical Commentary 35b*, (Dallas, 1993), 780-791.
76. K.E. Bailey, *Poet and Peasant and Through Peasant Eyes: A Literary-Cultural Approach to the Parables in Luke*, (Michigan, 1983), 181. Bailey jikkwota wkoll lil Aristotile: *"Great men never run in public"*; u Sir 19:30.
77. W.F. Arndt and F.W. Gingrich, *A Greek-English Lexicon of the New Testament and other Early Christian Literature* (Chicago, 1957), 833.
78. J. Jeremias, *Rediscovering the Parables*, (London, 1966, 5th Impression, 1993), 102-103.
79. Ara wkoll 1 Mak 6:15.
80. J. Nolland, *Luke 9:21-18:34, Word Biblical Commentary 35b*, (Dallas, 1993), 785.
81. Est 6: 6-11. Ara wkoll 8:2.
82. J. Nolland, *Luke 9:21-18:34, Word Biblical Commentary 35b*, (Dallas, 1993), 785.
83. Aug. de Quaest. Ev.I.ii.q.33. in *Catena Aurea, Commentary on the Four Gospels collected out of the works of the Fathers by Saint Thomas Aquinas, Vol. III St Luke* (Southampton, 1997), 539.
84. J. Jeremias, *Rediscovering the Parables*, (London, 1966, 5th Impression, 1993), 103. Għall-opinjoni kuntrarja ara: J. Nolland, *Luke 9:21-18:34, Word Biblical Commentary 35b*, (Dallas, 1993), 785.

85. J. Jeremias, *Rediscovering the Parables,* (London, 1966, 5th Impression, 1993), 103.
86. Ara Ġen 18: 7-8; Mħ 6:25.28; Ġer 46:21.
87. Ara Lq 2:46.
88. Lq 19:10.
89. Ara B.E. Reid, *Choosing the Better Part? Women in the Gospel of Luke?* (Collegeville, 1996), 179-189.
90. T.W. Manson, *The Sayings of Jesus,* (London, 1949), 286.
91. Chrys. Hom.de Patre et doubos Filiis in *Catena Aurea, Commentary on the four Gospels collected out of the works of the Fathers by Saint Thomas Aquinas, Vol. III St Luke* (Southampton, 1997), 540.
92. R.L. Rohbraugh, *A Dysfunctional Family and Its Neighbours (Luke 15: 11b-32)* in *Jesus and His Parables, Interpreting the Parables of Jesus Today,* ed. V.G. Shillington (Edinburgh, 1997).
93. Ara E.R. Wolf, *Peasants* (New York, 1966), 84-90.
94. J. du Boulay, *Lies, Mockery and Family Integrity,* in *Mediterranean Family Structures,* ed. J.G. Peristiany (Cambridge, 1976), 394.
95. Għal eżempju ta' kif il-mistednin irrifjutaw stedina għal festa ara Lq 14: 16-24. Ara wkoll W.M. Swartley, *Unexpected Banquet People (Luke 14: 16-24)* in *Jesus and his Parables, Interpretating the Parables of Jesus Today,* ed. V.G. Shillington, (Edinburgh 1997), 177-190.
96. R.L. Rohbraugh, *A Dysfunctional Family and Its Neighbours (Luke 15: 11b-32)* in *Jesus and his Parables, Interpreting the Parables of Jesus Today,* ed. V.G. Shillington (Edinburgh, 1997), 158.
97. *"Cautious, resentful, hard-working, obedient, mean-spirited, slanderous",* M.D. Goulder, *Luke, A New Paradigm,* Journal for the Study of the New Testament, Supplement Series 20, (Sheffield, 1989), 613.
98. Ara Lq 3:18.
99. Ara Lq 7:4; 8:31.
100. Ara Lq 16:25.
101. R.L. Rohbraugh, *A Dysfunctional Family and its Neighbours (Luke 15: 11b-32)* in *Jesus and his Parables, Interpreting the Parables of Jesus Today,* ed. V.G. Shillington (Edinburgh, 1997), 160.
102. Saydon ma joħroġx il-qawwa ta' dan il-verb meta jittraduċih: *"naħdimlek."* -
103. Lev 25:50.
104. I. Said, *Sharh Bisharat Luqa* (Beirut, 1970), 402. Tradott u kkwotat minn Bailey, *Poet and Peasant,* 197.
105. Said, *Luqa,* 403.
106. Ara T. Corlett, "This Brother of Yours", *Expository Times* 100 (1989), 216.
107. Għal diskussjoni fuq l-użu ta' qlajjiet simili fl-Evanġelju ara: B.J. Malina and J.H. Neyrey, *Calling Jesus Names* (Sonoma, CA, 1988).
108. L.T. Johnson, *The Gospel of Luke, Sacra Pagina,* (Collegeville, 1991), 238f.
109. Ara Lq 7: 34-39.

110. H.J.M. Nouwen, *The Return of the Prodigal Son*, (London, 1992), 69.
111. Ara wkoll Lq 13:16.
112. Ara vv. 6-7, 9-10, 23-24.
113. J.A. Fitzmyer, *The Gospel According to Luke X-XXIV*, The Anchor Bible 28A, (NY, 1985), 1092.
114. Ġwanni Pawlu II, *Għani fil-Ħniena*, n.3.
115. Efes 2:4.
116. Ġwanni Pawlu II, *Għani fil-Ħniena*, n.3.
117. Ara Lq 4: 18-19: 7:21-23.
118. L.T. Johnson, *The Gospel of Luke, Sacra Pagina*, (Collegeville, 1991), 242.
119. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, n.219.
120. R.L. Rohbraugh, *A Dysfunctional Family and its Neighbours (Luke 15: 11b-32)* in *Jesus and his Parables, Interpreting the Parables of Jesus Today*, ed. V.G. Shillington, (Edinburgh, 1997), 164.